MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 98/2021 LM

**Samuel Curmi (K.I. nru. 26895(G))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Executive Security Services Limited (C 45368)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Executive Security Services Limited (C 45368)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-14 ta' Settembru, 2021, fil-

Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3770/DP, fejn it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent **Samuel Curmi (K.I. nru. 26895(G))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kienet waħda inġusta u mhux skont il-liġi, u b'hekk illikwida kumpens dovut lill-appellat fis-somma ta' €8,806 li kellha titħallas lilu mingħand is-soċjetà appellanta fi żmien xahar minn dik id-deċiżjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta fit-13 ta' Ġunju, 2019 wara li huwa kien ilu jaħdem magħha bħala *security guard* fuq kuntratt indefinit fuq bażi *full-time* għal madwar erba' snin. Skont l-ittra li ntbagħtet lilu mingħand il-*Jobsplus*[1], ir-raġuni kienet waħda msejsa fuq dixxiplina.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Lulju, 2019 permezz ta' rikors fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex -

> *"...jiddeciedi li t-tkeccija tiegħu kienet waħda inġusta u illegali u li l-istess rikorrenti jingħata lura l-impjieg tiegħu bid-drittijiet kollha li kellu jew jekk dan jirriżulta li ma hux possibbli, li jingħata kumpens xieraq.".*

[1] *A fol.* 4 tal-atti tat-Tribunal.

4. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-risposta tagħha fit-13 ta' Settembru, 2019, fejn ikkontendiet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet ġustifikata.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> *"**Kunsiderazzjonijiet***
>
> *It-Tribunal qed jiġi mitlub jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kinitx waħda ġusta u skont il-liġi.*
>
> *Tenut kont ta' għaxar fatturi miġjuba bi provi waqt is-smigħ tal-każ ċioe:*
>
> *Li r-rikorrent kien ilu mpjegat mas-soċjetà erba' snin;*
>
> *Li fil-lejl in kwistjoni meta ġie avviċinat minn persuna mibgħuta mis-soċjetà biex tiċċekkja xi jkun jagħmel mal-lejl, dan tal-aħħar ma ddaħħalx fil-kumpless mir-rikorrent fuq struzzjonijiet mogħtija lilu mill-Manager tal-Heritage Malta stess;*
>
> *Li l-persuna li marret tħabbatlu għalkemm kien liebes l-uniformi ma kellux identifikazzjoni x'juri meta kien mitlub jagħmel dan mir-rikorrent;*
>
> *Li l-persuna li nbagħtet mis-soċjetà f'dak il-lejl waqt li r-rikorrent kien fuq xogħolu bħala security guard la xehdet u lanqas ppreżentat affidavit;*
>
> *Li kien proprju x'irrapportat din il-persuna li ntbagħtet li wassal għat-terminazzjoni tar-rikorrent;*
>
> *Li r-rikorrent ġie tterminat eżatt dakinhar kif ħareġ mix-xift ta' bil-lejl;*
>
> *Li ma sar l-ebda proċess dixxiplinarju fuq ir-rikorrent;*
>
> *Li s-soċjetà ssostni li r-rikorrent kien rieqed minkejja li kien fuq il-post tax-xogħol u dan qed jiġi ddeterminat mill-fatt li ma kienx liebes l-uniformi;*

*Li fl-istess lejl f'parti oħra tal-istess kumpless fejn kien xogħol ir-rikorrent, kien hemm ukoll kollega tiegħu fl-istess kariga u kien qed jgħasses ukoll matul il-lejl li wkoll kien mingħajr uniformi;*

*Li l-kollega l-ieħor is-Sur Tabone ma ġiex itterminat iżda ngħata twissija li rċeviha ħmistax wara l-inċident.*

***DEĊIZJONI***

*Dan it-Tribunal biex jara u jasal għal deċiżjoni jekk it-terminazzjoni kienitx waħda ġusta jħoss li kien ikun wisq utli kieku l-persuna li skont x'qalet hi, f'dal-każ uffiċjal mibgħut mis-soċjetà biex jara u jirrapporta lis-superjuri tiegħu x'kien qed jagħmel ir-rikorrent, kieku dan b'xi mod wassal hu stess il-verżjoni tiegħu lil dan it-Tribunal imqar b'affidavit u bil-mezzi teknoloġici tal-lum, jekk jinsab barra minn Malta, xorta jista' jiġi eżaminat u kontro-eżaminat. Dan filfatt ma seħħx. Il-provi li tressqu mis-soċjetà allura ma kienux konvinċenti meta tqis li strieħu fuq ir-rapport li għamel dan l-uffiċjal. Lanqas ma ġie ppreżentat xi* footage *minn xi CCTV* camera *li post bħal ma hu fejn kien impjegat ir-rikorrent ikun mgħammar bihom. Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li jekk jinħass il-bżonn li tintbagħat persuna, għall-għarrieda, bla avviz biex tissindika u forsi taqbad fil-fatt xi jkun qed jagħmel impjegat matul il-lejl, allura dan ifisser li kien hemm xi ħsieb jew avveniment li seta' spira dan il-proċess. Dan it-Tribunal jemmen li jekk kien hekk il-każ, kien ikun aktar proċess onest kieku r-rikorrent jiġi mgħajjat mis-superjuri tiegħu, jgħidulu bis-suspetti, jiġi ammonit u jekk hemm bżonn jingħata twissija bil-miktub. Dan ma sarx. Lil dan it-Tribunal ma rriżultalux li fl-erba' snin li r-rikorrent dam jaħdem mas-soċjetà kien hemm xi drabi fejn naqas minn dmirijietu jew kellu xi rapport ħażin, anzi l-provi li nġabu juru bil-kontra. It-terminazzjoni kienet iddur mal-lejl tat-13 ta' Ġunju 2019 biss li strieħet fuq x'qal il-persuna mibgħuta u xejn aktar. Huwa wkoll stramb il-fatt li s-soċjetà tinsisti li l-akbar evidenza li r-rikorrent kien rieqed waqt il-qadi ta' dmirijietu kien il-fatt li ma kienx liebes l-uniformi. Bħala fatt dan ukoll mhux validu minnu nnifsu meta tqis li kollega ieħor tiegħu wkoll kien mingħajr uniformi fl-istess lejl waqt li kien qed jagħmel l-istess funzjoni u li ma ġiex itterminat minn xogħolu. F'każ bħal dan li jiġi evalwat skont il-bilanċ tal-probabilitajiet, mhux konvinċenti li c-*charge letter *ħarġet qabel ma biss kien hemm pjan biex jiġi tterminat r-rikorrenti. It-Tribunal hawn jinnota li kollox idur ma' pjan ta' lixka bit-tir li jaqa' fih xi mpjegat. L-affarijiet mhumiex ċari u lanqas il-pretensjonijiet mistennija mir-rikorrent li jidhru kunflinġenti meta tqabbel x'ippretendiet is-soċjetà u x'kienet qed tippretendi Heritage Malta. Il-persuna li ntbagħtet mal-lejl ppretendiet li tiddaħħal skont is-soċjetà ntimata, waqt li skont Heritage Malta dan ma kellux isir u*

*nħargu struzzjonijiet biex fil-ħin li jkun magħluq il-post tax-xogħol tar-rikorrent, ħadd ma jiddaħħal. Għal dan it-Tribunal jekk tinħareġ* charge letter *wara li evidentement saret wara telefonati konfrontattivi ma tantx jawgura tajjeb li kienet parti minn xi proċess dixxiplinarju, biex wieħed ma jgħidx ukoll li kien ivvizjat minn kif seħħew l-affarijiet. Dan jiġi kkonfermat ukoll mill-fatt li sakemm suppost ġiet imwieġba c-*charge letter, *r-rikorrent kien diġà nqala' mir-roster. Tajjeb wieħed isemmi ukoll il-fatt li l-kollega tar-rikorrent irċieva twssija ħmistax-il ġurnata wara dan l-inċident. Għal dan it-Tribunal iħoss li proċess mgħawweġ beda jipprova jiġi ddrittat wara li seħħet it-tkeċċija tar-rikorrent."*

## **L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' Settembru, 2021 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex –

*"...jogħġobha tordna l-ordni u d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali bħala rregolari skont il-liġi, konsegwentement tirrevokaha, tannullaha u tħassarha għar-raġunijiet u aggravji kollha interposti u minflokha tiddeċiedi l-każ skont it-talbiet prospettati u r-risposta affermata mis-soċjetà appellant inkwantu it-tkeċċija kienet ġustifikata speċjalment fid-dawl tar-reazzjoni intempestiva u irregolari tal-appellat".*

Is-soċjetà appellanta tgħid li l-aggravji tagħha huma illi: (i) id-deċiżjoni appellata fiha konsiderazzjoni żbaljata u apprezzament ħażin tal-provi; (ii) id-deċiżjoni appellata hija *extra* jew *ultra petita;* (iii) il-likwidazzjoni ta' kumpens huwa biss possibbli fejn ir-ritorn lejn l-impjieg mhux possibbli; (iv) il-likwidazzjoni tal-kumpens mhux biss hija nieqsa mill-aspett legali, iżda wkoll hija eżorbitanti u inġustifikata.

7. L-appellat għażel li ma jweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tistħarreġ jekk l-appell tas-soċjetà appellanta sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 kif tistqarr is-soċjetà appellanta, liema subartikolu jagħti dritt ta' appell biss fuq punt ta' liġi.

9. Il-Qorti mill-ewwel tagħraf li bla dubju ta' xejn l-aggravji tas-soċjetà appellanta jolqtu l-mertu u ma jikkunsidraw l-ebda punt ta' liġi. Tibda bl-ewwel aggravju, fejn is-soċjetà appellanta stess meta tippreżentah tiddikjara li dan jirrigwarda l-fatt li fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal għamel konsiderazzjoni żbaljata u anki apprezzament ħażin tal-provi. Għalhekk hija minn hemm tgħaddi sabiex tanalizza l-provi u tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha dwar dak li fil-fehma tagħha kien tassew ġara u għaliex hija kellha kull dritt li tkeċċi lill-appellat mill-impjieg tiegħu magħha. Imbagħad għalkemm tittenta tagħti xeħta mod ieħor għat-tieni aggrajvu tagħha, billi tikkontendi li t-Tribunal naqas li japplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 81 tal-Kap. 452, il-Qorti hawn ukoll tqis li dan l-aggravju jolqot għal darb'oħra l-mertu, u saħansitra d-diskrezzjoni eżerċitata mit-Tribunal fl-għażla tar-rimedju mogħti lill-appellat. Fil-fehma tal-Qorti t-Tribunal esprima l-ħsibijiet tiegħu kollha b'mod tassew ċar fid-deċiżjoni appellata, u kkunsidra fil-fond il-provi li ġew ippreżentati quddiemu, u jekk is-soċjetà appellanta mhijiex qegħda taqbel mal-konklużjoni tiegħu, ċertament ma tistax tilmenta minnha quddiem din il-Qorti. It-tielet aggravju wkoll ma jistax jgħaddi mill-ewwel eżami kif jitlob is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal kellu jiddeċiedi billi jordna r-ritorn tal-

appellat lejn l-impjieg tiegħu, u dan meħud in konsiderazzjoni t-talba magħmula lilu mill-appellat stess u skont kif jikkontempla l-artikolu 81 tal-Kap. 452. Iżda hawn ukoll is-soċjetà appellanta tintilef f'argumenti fejn tippreżenta r-raġunijiet kollha li skont hi kienu jimmeritaw dikjarazzjoni ta' ritorn lejn l-impjieg u għalhekk dan it-tielet aggravju ma jistax jingħad li jirrigwarda punt ta' liġi. L-istess jingħad dwar ir-raba' aggravju fejn is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-kumpens likwidat favur l-appellat huwa wieħed eżorbitanti u inġustifikat. Jirriżulta li dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-fatt tal-allegat nuqqas ta' prova li permezz tagħha t-Tribunal seta' wasal għas-somma likwidata u għalhekk mhux qed jiġi diskuss l-ebda punt ta' liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern, u tiddikjarah irritu u null stante li ma sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, u dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**